**6 ta' Mejju, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija**

***versus***

**Carmelo Busuttil et.**

**Tentattiv — Provi.**

*Il-prova ndizjarja ta' spiss hija l-aħjar prova; talvolta hija tali li tipprova fatt bi preċiżjoni matematika.*

*It-tentattiv jista' jiġi eskluż bl-inidoneità assoluta tal-mezz adoperat għall-kommissjoni tar-reat. Hekk, jekk il-ħsieb tal-imputat kien li jesporta illegalment minn dawn il-Gżejjer kwantità ta' xkejjer ta' kafè per mezz ta' skuna, il-valur għall-finijiet tar-reat għandu jiġi kalkulat fuq il-kwantità li tista' tgħabbi l-iskuna li kienet intiża biex tesporta l-kafè u m'hux il-kwantità kollha li kien fil-ħsieb tal-imputat li jesporta, jekk din il-kwantità kienet akbar minn dik li tista' tgħabbi l-iskuna.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjonijiet dedotti quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputati, talli f'dawn l-aħħar ġimgħatejn, fil-bajja taċ-Ċirkewwa msejħa Paradise Bay, limiti tal-Marfa, jew bnadijiet oħra f'Malta ittantaw jesportaw 82 xkora kafè u 15 il-gallun diesel-oil, li l-esportazzjoni tagħhom hija projbita mingħajr is-sensja tad-Direttur tal-Industrija u Kummerċ, u dan bi ksur tal-"Exportation (Control) Regulations, 1948", kif emendati mill-G.N. 34-59; u l-imputazzjoni dedotta kontra Salvatore Giudice talli fl-aħħar ġimgħa, bħala kaptan tal-iskuna taljana bil-mutur "Cesare", wasal f'dawn il-Gżejjer minn post l-hemm mill-ibħra u daħal f'post bil-bastiment tiegħu, jiġifieri ċ-Ċirkewwa, limiti tal-Marfa, ħlief il-Port il-Kbir tal-Belt Valletta, jew fil-post tal-kwarantina; barra minn dan, talli l-istess Salvatore Giudice għin jew ħajjar lil Antonio Garofalo, persuna stranjiera, li jinżel f'dawn il-Gżejjer mingħajr is-sensja tal-Uffiċjal tal-Immigrazzjoni, u naqas li jieħu l-prekawzjonijiet neċessarji biex jiżgura t-tkomplija mill-istess Antonio Garofalo mad-dispożizzjoni 37 tal-"Port Health

Regulations 622/46"; u inoltre l-imputazzjoni dedotta kontra Antonio Garofalo, talli ċ-Ċirkewwa, limiti tal-Marfa u bnadijiet oħra f'Malta, bħala persuna stranjiera, niżel f'dawn il-Gżejjer mingħajr is-sensja tal-Uffiċjal tal-Immigrazzjoni u mingħajr il-permess tal-Port Medical Officer jew uffiċjal ieħor awtorizzat mill-Awtorità Sanitarja minn fuq il-bastiment tiegħu qabel ma għadda għall-pratka, kuntrarjament għad-dispożizzjoni tas-sezzjoni 37 tal-Port Health Regulations, G.N. 622/46;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni għall-ordni tal-konfiska ta' (1) skuna bil-mutur "Cesare", (2) truck nru. 3848, (3) truck nru. 27800, (4) car nru. 8292, (5) 82 xkora kafè, (6) u 15 il-gallun diesel-oil; kif hemm fis-"seizure note" nru. 35/61;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-26 ta' April 1961, li biha sabet lil kull wieħed minn Carmelo Busuttil u Antonio Garofalo, dan l-aħħar bniedem li għalaq l-erbatax iżda mhux it-tmientax il-sena, ħati talli kisru l-"Exportation (Control) Regulations 1948" (G.N. 668/48), billi ttantaw jesportaw 82 xkora kafè, li jiswew £820.2. 6d, u 15 il-gallun diesel-oil, li l-esportazzjoni tagħhom hija projbita mingħajr il-permess tad-Direttur tal-Industrija u Kummerċ; u inoltre sabet lill-istess Antonio Garofalo ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra dedotti kontrieh; u sabet lil Salvatore Giudice ħati talli kiser l-"Exportation (Control) Regulations, 1948", billi ttanta jesporta 3110 kilos kafè tal-valur li jeċċedi £20 iżda mhux il-£500, u li l-esportazzjoni tiegħu hija projbita mingħajr il-permess tad-Direttur tal-Industrija u Kummerċ, u sabitu ħati wkoll skond l-imputazzjonijiet l-oħra dedotti kontrieh; u kkundannat (1) lil Carmelo Busuttil għal £600 multa u għall-priġunerija għal żmien xahar, (2) lil Salvatore Giudice għal £500 multa u 15 il-ġurnata priġunerija, (3) u lil Antonio Garofalo għal £5 ammenda u 15 il-ġurnata priġunerija fuq l-ewwel imputazzjoni, u £5 ammenda fuq iż-żewġ imputazzjonijiet l-oħra; u fl-aħħarnett ordnat il-konfiska tat-82 xkora kafè eżibiti (Dok. C), u tal-15 il-gallun diesel-oil (dok. D);

Rat ir-rikors ta' Salvatore Giudice u Antonio Garo-

fa'o fol. 88 tal-proċess, li bih appellaw mis-sentenza fuq imsemmija, u *talbu li tiġi revokata u li huma jiġu assolti*;

Rat ir-rikors ta' Carmelo Busuttil li bih appella minn dik is-sentenza u talab li tiġi revokata u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Kwantu għall-imputat Carmelo Busuttil;

Id-Difiża ssottomettiet fl-ewwel lok, illi l-provi ndizjarji msemmijin fis-sentenza appellata ma humiex suffiċjenti biex jikkreaw fil-ġudikant il-konvinzjoni li teħtieġ biex twassal għal dikjarazzjoni ta' reità;

L-istess sottomissjoni (salvi deduzzjonijiet oħra in subordine) għamlet id-Difiża tal-imputati Giudice u Garofalo;

*Ġie sottomess illi ma saret mill-Prosekuzzjoni ebda* prova dwar xi ftehim għall-bejgħ, xiri u karikazzjoni ta' dan il-kafè bejn il-partijiet interessati, u li ma ġietx eżibita ebda korrispondenza jew dokumenti ta' ebda xorta in propożitu; kif lanqas ma ġie assodat ebda trapass ta' flus "hinc inde". Dan il-pont, però, ma jimpressjonax lill-Qorti; għaliex hu ta' intelliġenza elementari illi, meta operazzjoni ssir kontra l-liġi, issir kemm jista' jkun klandestinament u b'mod li jiġu moħbija kemm jista' jkun dawk il-fatturi esterni li jistgħu jagħtu xhieda tagħha;

Ingħad ukoll illi ma kienx probabbli illi tinxtara dik il-kwantità ta' kafè jekk ma setgħetx tiġi karikata kollha kemm hi, stante l-kapaċità ristretta tal-iskuna "de qua"; u kompla jingħad li almenu l-kafè ma kienx jinxtara daqshekk kmieni, sabiex, bħal ma jsir is-soltu, jiġi aċċertat kemm tkun tista' tgħabbi l-iskuna. Dawn iż-żewġ punti lanqas ma jinfiċjaw il-valur probatorju tal-indizji msemmijin mill-Ewwel Qorti; għaliex hu kapibbli illi f'operazzjoni li ssir "alla chetichella" ma jittieħdux, sabiex tiġi *evitata l-publiċità, dawk il-kawteli ta' negozju leġittimu,*

apparti li l-maltemp seta' kien ċirkustanza imprevista li ffrastornat in parti l-pjan tal-interessati li talvolta kienu jisperaw f'temp aktar favorevoli;

In-nuqqas ta' inċirajjiet ("tarpaulins") u ta' gumni jista' wkoll jiġi spjegat bin-neċessità li operazzjonijiet simili jsiru b'ċelament ta' elementi rivelaturi f'każ ta' skoperta mill-awtoritajiet; apparti li l-kafè kien ġo xkejjer, li l-interessati setgħu sperav f'baħar favorevoli, u li l-inġenjożità tan-navigaturi tista' tissupplixxi xort'oħra għal dak in-nuqqas;

Ġie anki argumentat illi, ladarba l-esportazzjoni ta' kafè minn Malta ma hix projbita f'mod assolut, imma tingħata b'permess appożitu, għalhekk ma kienx hemm skop u motiv biex tiġi miksura l-liġi. Għandu jitqies, però, mhux biss illi l-kafè hu "controlled commodity", u għalhekk l-otteniment tal-permess, dipendenti mid-domanda u l-offerta tal-mument, hu pjù o meno inċert, imma wkoll illi aktarx li, kif osservat il-Prosekuzzjoni, l-operazzjoni ta' esportazzjoni klandestina minn Malta tiġi segwita b'importazzjoni kontrabbandistika f'pajjiż ieħor u għalhekk ikun hemm l-interess li tiġi oppressa t-traċċja tal-permess tal-esportazzjoni;

Id-Difiża rrilevat ukoll u fl-udjenza odjerna pproduċiet in propożitu x-xhud Mauro Mitto, illi verament u realment il-pompa tal-mutur tal-iskuna kienet bil-ħsara, u rrilevat ukoll illi tant l-imputat Giudice kemm l-imputat Garofalo taw l-istess versjoni dwar il-pompa, non ostante illi meta taw dik il-versjoni kienu għadhom ma rawx lil xulxin. Dawn l-osservazzjonijiet, però, ma jinvalidawx il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti; għar-raġuni illi l-ħsara fil-pompa setgħet kienet reali, kif kienu reali l-viċendi tal-istat tal-baħar, mingħajr ma b'daqshekk tiġi eskluża l-operazzjoni proġettata. Vwoldiri, din l-operazzjoni ġiet proġettata u ġiet inkamminata, u ntant inqalgħu dawk l-inċerti, li għalihom l-interessati ppruvaw jirrimedjaw kif setgħu;

Għalhekk din il-Qorti taqbel mal-Qorti tal-Ewwel Grad illi t-tliet appellanti kienu ħatjin fis-sens tal-istess senten-

za, salv dak li sejjer jingħad għar-rigward taż-żewġ appellanti Busuttil u Garofalo. Anzi, il-kumpless taċ-ċirkustanzi li jikkostitwixxu l-isfond ta' dan il-każ jirrendi dan il-każ wieħed minn dawk illi għalihom jistgħu japplikaw il-kliem, mhux dejjem applikabbli f'każijiet oħra, li hemm fis-sentenza "R. vs. Taylor", 21 Crim. App. R. 21, ċjoè:— "Circumstantial evidence is very often the best. It is evidence of surrounding circumstances which, by undesigned coincidence, is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics";

Kwantu għall-appellanti Busuttil u Garofalo, l-Ewwel Qorti rriteniet. għal dak li hu valur, li dan għandu jkun ta' £820, ċjoè ta' 82 xkora li jiżnu approssimattivament ħames tunnellati u nofs, ossija ħames telef u ħames mitt (5500) kilos, mentri fil-każ tal-imputat Giudice l-valur ġie kalkulat għal anqas minn £500; fuq ir-rifless li l-iskuna setgħet tgħabbi b'sikurezza 3.11 tunellati biss, ekwivalenti għal 3110 kilos, li jġibu valur ta' £463;

L-Ewwel Qorti, fol. 80, immotivat din id-differenza ta' trattament billi qalet illi, mentri l-att tal-kaptan kien limitat għal dik il-kwantità li l-iskuna setgħet tiflaħ, għall-kuntrarju, l-attijiet ta' Busuttil u Garofalo kienu jkopru l-kwantitattiv kollu tal-kafè;

Bir-rispett kollu għall-Maġistrat deċidenti fil-prima istanza, din il-Qorti ma tikkondividix din l-opinjoni. It-tentattiv jista' jiġi eskluż bl-inidoneità assoluta tal-mezz adoperat. u għalhekk f'dan il-każ kien eskluż "pro tanto" għal dik il-kwantità li tissupera 3.11 tunellati. li kienet il-kapaċità massima tal-iskuna. Il-Maġistrat donnu ta importanza prevalenti għall-intenzjoni ta' dawn iż-żewġ appellanti Busuttil u Garofalo. li jesportaw il-kwantità kollha ta' 82 xkora; iżda ntqal a propożitu fir-Relazzjoni Ministeriali dwar il-proġett tal-Kodiċi Penali tal-1887 fl-Italja, rikordata mil-Maino, Comm. art. 61. para. 295— "Nè su tale regola può influire la scienza che l'agente abbia o no della efficacia assoluta del mezzo che adopera. giacchè essa non toglie nè aggiunge alla impotenza del mezzo";

Xejn ma jfisser illi dan kien att preparatorju; għaliex

l-att preparatorju hu parti mill-"iter criminis", u kwindi hu suġġett, anki jekk b'din il-liġi speċjali hu parifikat għar-reat konsumat, għall-istess limitazzjoni li jopera fir-reat konsumat il-fattur tal-inidoneità assoluta tal-mezz;

F'dan il-każ, dik l-inidoneità topera "pro tanto", u għalhekk l-appellanti Busuttil u Garofalo għandhom jibbenefikaw bl-istess mod tal-appellant Giudice;

Ikkunsidrat;

Dwar il-piena applikata mill-Ewwel Qorti lill-appellant Giudice, ir-riljev kontenut fir-rikors tal-appell, u reiterat fit-trattazzjoni, ma għandux bażi; għaliex il-liġi in materja, fl-art. 17(b), iżżid il-kliem "or to both such imprisonment and fine". Lanqas jidhrilha din il-Qorti illi l-piena nflitta hija b'xi mod oppressiva;

Kwantu għall-imputat Garofalo, ma jidherx li hu l-każ tal-applikazzjoni tal-art. 23;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell tal-imputat Giudice u tikkonferma s-sentenza appellata a rigward tiegħu, b'dan però illi mill-piena restrittiva tal-libertà personali għandu jitnaqqas il-perijodu ta' karċerazzjoni preventiva, peress li dan l-imputat ma ottjeniex il-libertà provviżorja stante li ma sabx garanti;

Takkolji in parti l-appell tal-imputati Busuttil u Garofalo, fis-sens illi, għal dak li jirrigwarda l-kafè, il-kwantità titqies mhux ta' 82 xkora, ossija 5449 kilos, imma ta' 3110 kilos, ta' valur li jeċċedi £20 iżda mhux £500; u għalhekk, kwantu għall-imputat Busuttil tirriduċi l-multa għal £500 u tirriduċi l-priġunerija għal żmien ħmistax il-ġurnata, u kwantu għal Antonio Garofalo tbiddel, għar-rigward tal-ewwel imputazzjoni, il-piena ta' ħmistax il-ġurnata priġunerija fil-piena ta' jumejn detenzjoni, salvi l-ammendi lilu nflitti. Għall-bqija, tikkonferma għar-rigward ta' dawn iż-żewġ imputati s-sentenza appellata;

Tibqa' l-konfiska kif ordnata mill-Ewwel Qorti.